Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 25/2019

Il-Pulizija
(Spettur Colin Sheldon)

Vs

Alexander Joseph Micallef

Illum 11 ta' Lulju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Alexander Joseph Micallef detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 144287M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

1. Talli bhala persuna registrata mal-Kummissarju tat-Taxxi skont l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru XXIII tal-1998) u regolamenti maghmula bis-sahha tal-istess Att, naqas sal-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara l-ahhar jum li fih intemmu z-zminijiet ta' taxxa relattivi li jibghat lill-Kummissarju tat-Taxxi (2) id-denunzji, flimkien mal-hlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta' Marzu, 2015 u fil-31 ta' Dicembru 2015 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66, 76 (c) u 76 (d) tal-Att XXIII tal-1998.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija:

1. Tinfliggi l-piena skont il-ligi; jew
2. Minbarra li tinfliggi l-piena skont il-ligi, fuq talba tal-Prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m'ghandux jaccedi tliet xhur, taht multa ta' €5 ghal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Jannar 2019, fejn il-Qorti fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati u kkundannatu ghal multa ta' €900 pagabbli fi tliet snin.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Alexander Joseph Micallef, ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Frar 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull akkuza u htija.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Alexander Joseph Micallef huwa s-segwenti u cioè:-

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:-

Illi l-appellanti hija persuna diligenti u li dejjem hadet hsieb l-aspetti fiskali tal-business taghha u minkejja li gieli kien hemm drabi fejn minhabba ragunijiet li jmorru lil hinn mill-kontroll tieghu;

Illi l-appellanti, ghalkemm huwa minnu li ma dahhalx id-denunzju ghas-sena 2015 ezatt mad-data tal-eghluq, huwa dahhalhom ftit tax-xhur wara bil-pagamenti kollha relattivi;

Illi fil-fatt, huwa spjega lill-ewwel Qorti dan kollu izda stranament, il-Kummissarju ghat-Taxxi ma kienx f'pozizzjoni li jikkonferma dan l-istat ta' fatt quddiem l-ewwel

Qorti, biex b'hekk il-Qorti emmnet il-verzjoni moghtija mill-Kummissarju ghat-Taxxi u sabet lill-istess appellant hati;

Illi bid-dovut rispett, l-appellant m'ghandux ghalfejn ibati l-konsegwenzi ta' tali nuqqas daparti tal-Kummissarju ghat-Taxxi u ghandu jigi liberat minn kull htija u piena.

Rat l-atti tal-process.

Semghet lil Paul Scicluna jiddikjara fid-deuta tat-18 ta' Gunju 2019 li kien qed jirtira l-letter to prosecute mahrug mill-Kummissarju tal-VAT li tinsab esebita fl-atti a fol. 4 maarkata bhala dok PS1 u fejn anke iddikjara li d-dipartiment tal VAT m'ghandux iktar interess f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat.

Il-Qorti rat dak li jipprovdi l-artikolu 83 (1) tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' li " *Ma għandhom jinbdew ebda proċedimenti taħt din it-Taqsima ħlief minn jew bil-permess tal-Kummissarju, u dawk il-proċedimenti hekk mibdija jistgħu f'kull żmien qabel is-sentenzafinali jiġu rtirati fuq talba tal-Kummissarju."*

Konsegwentement la darba Paul Scicluna ghan-nom tal-Kummissarju tal-VAT irtira l-*letter to prosecute*, dawn il-proceduri ma jsitghux jitkomplew.

Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li qed tilqa' l-appell tal-appellant, stante in-nuqqas ta' letter to prosecute fl-atti, tirrevoka is-sentenza appellata u minflok tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur